MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 32/1999/1

**Steve Cuschieri**

**Vs**

**Panta Contracting Limited**
**Corinthia Palace Hotel Company Limited et**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi fis-6 ta' Awissu, 1997 waqt li l-attur, li jahdem bhala 'electrician' mal-kumpanija konvenuta Panta Contracting Limited, kien qed jahdem b'inkarigu tal-imsemmija kumpaniji konvenuti fil-Corinthia Marina Hotel, l-attur waqa' gholi ta' zewg sulari u nofs meta ceda poggaman u

korra serjamnet kif jirrizulta ahjar mill-anness certifikat mediku markat Dok SC1.

U premess dan l-incident gara minhabba t-tort u jew negligenza u jew nuqqas ta' osservanza tal-prekawzjonijiet mehtiega da parti tal-konvenuti nomine, jew min minnhom, kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

U premess illi l-konvenuti nomine gew interpellati biex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur izda baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara illi l-konvenuti nomine, jew min minnhom, huma responsabbli ghall-korriment li sofra l-attur u ghad-danni konsegwenzjali.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur u dan jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine, jew min minnhom, ihallsu lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Gunju, 1998 u tad-19 ta' Ottubru, 1998 kontra l-konvenuti nomine li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** tas-socjeta' konvenuta Panta Contracting Limited a fol. 12 tal-process fejn eccepiet:

1. L-ewwel talba tal-attur kif dedotta kontra s-socjeta' eccipjenti ghandha tkun michuda stante li l-korriment tieghu ma garax htija ta' l-istess socjeta' eccipjenti.

2. It-tieni talba tal-attur ghandha tkun respinta wkoll billi fejn jirrigwarda s-socjeta' eccipjenti ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur.

3. Isegwi ghalhekk li anke t-tielet talba ghandha tigi rigettata stante li ghar-rigward tas-socjeta' eccipjenti m'ghandux ikun hemm kundanna ghall-hlas ta' danni favur l-attur.

4. Salvi eccezzjonijiet premessi mil-ligi.

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** tas-socjeta' konvenuta Corinthia Palace Hotel Limited a fol. 16 fejn eccepiet :

1. Preliminarjament is-socjeta' eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li s-socjeta' m'ghandha l-ebda konnessjoni mal-lukanda Corinthia Marina, izda hi s-socjeta' Marina San Gorg Limited li tiggestixxi l-istess lukanda.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni attrici hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' eccipjenti bl-ebda mod ma hi responsabbli ghall-incident ilmentat mill-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' kjamata in kawza Marina San Gorg Limited** a fol. 37 fejn eccepiet :

Illi l-azzjoni attrici hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt, stante li l-eccipjenti bl-ebda mod ma hi responsabbli ghall-incident soffert mill-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet a fol. 35;

Rat id-digriet a fol. 49;

Rat ir-relazzjoni tal-espert mediku a fol. 57;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw:

**FATTI**

Dina l-kawza tirrigwarda incident li gara fis- 6 ta' Awissu, 1997 waqt li l-attur kien qed jahdem fil-Corinthia Marina San Gorg u waqa' gholi ta' zewg sulari u nofs meta ceda poggaman u korra serjament.

**PROVI**

L-attur xehed li l-accident gara fis-6 ta' Awissu, 1997. Hu Kien qed jahdem bhala Electrican mal-kumpanija Panta Contracting Ltd fuq il-progett tal-Lukanda Marina San Gorg. Kienu ghal habta tat-3.35 pm. Hu mar igib l-*extenstion lead* minn fuq. Kebbibha u tefahha fuq spalltu u beda niezel it-tarag tal-konkos li kien ghadu *under construction*. Fl-ewwel zewg targiet tilef il-bilanc, ipprova jzomm ma speci ta' poggaman li kien hemm ma dan it-tarag. Dan kien jikkonsisti minn seratizzi tal-injam imsammra mal-kolonni tal-konkos b'imsiemer ta' l-azzar ta' bejn erba u hames pulzieri. Kif mess mal-poggaman dan mill-ewwel ceda bih u waqa' ghal isfel gholi ta' zewg sulari u nofs ghal fuq il-*pool deck*. Hu u niezel habat ma *scaffolding* tal-hadid u bil-habta ghamel ticrita fonda f'saqajh l-leminija. Spicca instabat fl-art tal-konkos u xellef l-ghadma ta' irkoptu x-xellugija kif ukoll ha daqqa kbira f'rasu li effettwalu ghajnejh ix-xellugija. Kien rah specjalista li sab li kien sofra minn *"fracture of the frontal bone extending into right orbit causing a large haematoma of the eyelid".*

Dwar il-poggaman l-attur qal li mhux Panta Contracting kienu responsabbili ghad tqeghied ta' dana l-poggaman jew li jiehdu hsieb il-*maintenance* tieghu. Il-poggaman kien sar mill-grupp tal-Corinthia Marina stess taht is-supervizjoni ta' Ronnie Demicoli. Qabel l-incident, hu kien uza dana l-poggaman xi darbtejn jew tlett darbiet qabel

.Dan kien ilu hemm xi 4/5 xhur qabel korra. Kienet struttura temporanja bhala *safety*.

Mario Falzon, Project Manager mal-Panta Contracting xehed li l-Corinthia stess kienet l-izviluppatur tal-progett. Dwar il-poggaman, qal li l-Corinthia stess kienet poggitu u Panta Contracting ma kellhiex x' taqsam mieghu. Wara l-incident dan il-poggaman rega' tpogga mill-Corinthia Group pero' rabtuh iktar milli kien cjoe ghamlulu aktar viti mal-hajt u aktar forza. Meta gara l-incident il-poggaman kien inqala' minn mal-hajt ghax ma kienx imwahhal sew.

Hu qal li l-attur ma kienx libes il-*helmet* u ma kellux bzonn *harness* u lanqas ingwanti ghax ma kienx qed jaghmel xoghol bihom. Huma jipprovvdu lill haddiema taghhom bis-*safety equipment* pero' minn zmien ghal zmien ifakkru lil-haddiema jew jesigu li jilbsuhom.

Ronald Demicoli, Quality Project Manager mal-Corinthia Group, xehed il-poggaman kien gie stallat mill-kuntrattur inkarigat mill-kostruzzjoni tal-lukanda, Attard Bros.Co.Ltd. Dan il-poggaman kien pjuttost stabbli. Hu kien intenzjonat biex il-haddiema ikollhom protezzjoni milli jaqghu t-tarag. Ma kienx intenzjonat sabiex wiehed jistrih fuqu bis-sahha, izda zgur ma kienx ser icedi wahdu.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT

### Il-Ligi

**1031.** Kull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha.

**1032.** (1) Jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il- prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.

(2) Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal- ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar.

**1033.** Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun ird, jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, hu obbligat ghal hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk.

(Vol XLIV p1 p 343; App Civ 8/4/1991 Camilleri vs Grech)

**1045.** (1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l- eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l- ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it- telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacità ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib.

(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacità tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacità ikkaggunata, u l- kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hu dmir ta' kull employer li jiggarantixxi *" a safe system of work"* fuq il-post tax-xoghol u dan l-obbligu huwa tal-employer u mhux tal-impjegat.

Kif jghid Charlesworth *"On Negligence" p 1036 pagna 622: - "The duty of employers to provide the servant with a safe place of work was explained by Goddard L.J. to be:*

*"not merely to warn against unusual dangers known to them.... but also to make the place of employment.... as safe as the exercise of reasonable care would permit." "The duty is owed to each individual servant individually" (p 1035).*

Charlesworth jghid ukoll (ibid.para, 1032) :-

*"In Wilsons & Clyde Coal Ltd. vs English" the general nature of the duty owed by a master to a servant was described by Lord Wright as follows:-*

*"I think the whole course of authority consistently recognizes a duty which rests on the employer and which is personal to the employer, to take reasonable care for the safety of his workmen, whether the employer be an individual , a firm, or a company, and whether or not the employee takes any share in the conduct of the operations".*

Kazijiet fejn l-employer ikun naqas li jwettaq l-obbligi tieghu huma:

1. "...it may be that the employer has done nothing at all to carry our his obligations."

2. " In the second place the employer may have been informed of a defect or danger, but done nothing to remedy it."

3. “Thirdly, the employer, knowing of a defect in his plant or premises, or of a danger in the course of work, may have taken inadequate measures to eliminate or reduce the risk.

4. “Fourthly, though the employer does not know that anything is wrong, it may be that he ought to know - that is he could have found our by reasonable care." (Munkman's Employer's Liability at Common Law p. 129).

**KONSTESTAZZJONI**

Il-kjamati fil-kawza Marina San Gorg Ltd qed jissottomettu li huma mhumiex responsabbili ghall incident soffert mill-attur billi l-poggaman kien imwahhal sew, u mhux huma kienu wahhluh imma Attard Bros. Co. Ltd.

Il-konvenuti Panta Contracting qed jissottomettu li mhumiex responsabbili billi l-post tax-xoghol kien taht il-

kontroll effettiv tal-Corinthia Group. Huma kienu pprovdew lill-haddiema taghhom bis- *safety gear* kollu.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-incident gara waqt li l-attur kien qed izarma billi kien spicca mix-xoghol u kien qed jigbor l-ghodda li kellu. Hu u niezel mit-tarag tal-konkos, fl-ewwel zewg targiet, tilef il-bilanc, ipprova jzomm mal-poggaman, dan ceda bih u spicca isfel gholi zewg sulari u nofs u korra.

Jirrizulta li fil-lukanda meta gara l-incident kien hemm diversi haddiema qed jahdmu taht diversi kuntratturi lkoll imqabbda mill-Corinthia Group li kienet inkarigata mill-izvilupp tal-progett tal-bini tal-lukanda.

Jirrizulta li kien hemm poggaman temporanju li twahhal ghal protezzjoni tal-haddiema. Ronald Demicoli, Quality Project Manager mal-Corinthia Group, xehed il-poggaman kien gie stallat mill-kuntrattur inkarigat mill-kostruzzjoni tal-lukanda Attard Bros.Co.Ltd. Dan il-poggaman kien pjuttost stabbli. Hu kien intenzjonat biex il-haddiema jkollhom protezzjoni milli jaqghu t-tarag. Ma kienx intenzjonat sabiex wiehed jistrih fuqu bis-sahha, izda zgur ma kienx ser icedi wahdu.

Fil-kaz in ezami l-poggaman ma cediex wahdu u lanqas ghax kien hemm xi hadd qed jistrih fuqu bis-sahha, izda ghax meta l-attur mar biex izomm mieghu, dan ceda bih u ma tahx il-protezzjoni li suppost kien intiz li jaghtih. Fil-fatt jirrizulta mhux kontestat li skond Mario Falzon wara dan l-incident il-poggaman rega' tpogga mill-Corinthia Group f'postu pero' dina d-darba rabtuh iktar milli kien cjoe ghamlulu aktar viti mal-hajt u aktar forza. Meta gara l-incident il-poggaman kien inqala minn mal-hajt ghax ma kienx imwahhal sew.

Ghalhekk jirrizulta li l-incident gara ghax il-poggaman ma kienx imwahhal tajjeb u ma kienx sod bizzejjed ghal iskop li twahhal. Kif xehed Demicoli l-poggaman kien <u>pjuttost</u> stabbli, li hi haga relattiva.

Illi l-kjamati fil-kawza qed jissottomettu li l-poggaman ma twahhalx minnhom izda minn Attard Bros. Dwar dan il-Qorti tiddeciedi li dana l-kuntrattur kien tqabbad mill Corithinia Group u huma kienu responsabbili ghalih. Skond l-attur il-poggaman twahhal taht is-supervizjoni ta' Ronald Demicoli li kien il-Quality Project Manager mal-Corinthia Group.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li l-kjamati fil-kawza ma pprovdewx "*a safe system of work*" fuq il-post tax-xoghol b'mod li l-incident jigi evitat.

**Responsabilita' kontributorja**

Kwantu ghal xi responsabilita' kontributorja da parti ta' l-attur il-Qorti hi tal-fehma li jirrizulta li meta gara l-incident l-attur ma kienx libes ebda *safety gear*, la *helmet* u lanqas *boots*. *Harness* u ingwanti dak il-hin l-attur ma kellux bzonn billi kien spicca mix-xoghol izda *helmet* kien necessarju billi kien ghadu fuq il-post tax-xoghol suggett ghal perikolu u kieku kien libes il-*boots* setgha jevita jew li jizloq jew li jwegga anqas.

L-attur ma kkontestax ix-xhieda prodotta minn Panta Contracting li huma kienu pprovvdew lill-attur bis-*safety gear* kollu u li huma kienu jinsistu mal-haddiema li jilbsu dan is-*safety gear*. Ghalhekk l-attur ghandu jbati parti mit-tort ghalkemm mhux daqs il-kjamati fil-kawza.

Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi li kien hemm negligenza kontributorja da parti ta' l-attur u konsegwentement ir-responsabilita' ghall-incident ghandha tigi spartita b'dan il-mod - tlett kwarti tort ghall kjamati fil-kawza u kwart ghall-attur. Il-konvenuti Corinthia Palace Hotel Co. Ltd m'ghandha x'taqsam xejn mal-kwistjoni, mentri Panta Contracting Ltd ma jirrizultax li kienet negligenti jew ikkontribwit b'xi mod ghall-incident.

**Danni**

L-attur qed jitlob *lucrum cessan* minhabba dana l-incident

Mr. Carmel Sciberras, imqabbad mill-attur, kien hareg certifikat mediku fejn sab li l-attur kien qed ibati minn disabilita' permanenti ta' 5%.

L-attur gie ezaminat minn espert mediku nominat mill-Qorti - Mr. Charles Grixti - li kkonferma li l-attur kellu 5% *disability*. Hu sab li l-attur kien qed ibati minn konkussjoni cerebrali, ticrita fl-irkoppa l-leminija, kif ukoll wegga l-irkoppa x-xellugija kagun ta' l-accident.

Fid-data ta' l-incident kellu 21 sena. In vista tal-fatt li hemm possibilita' li l-eta' pensjonabbili nazzjonali tghola ghal 65 u l-aspettativa tal-hajja bl-avvanzi fil-kamp mediku qed tizdiet il-Qorti hi tal-fehma li l-attur ghandu jinghata multiplier ta' 40 sena.

Hu esebixxa d-dok SC2 sa SC3 li huma l-P3's. Hu rega beda jahdem fit-18 ta' Marzu, 1999 u baqa' jahdem ma Panta Contracting. Skond il-dokumenti ezibiti mill-attur fil-1997 hu kellu *gross income* ta' Lm3,861.52 u fil-1998 kellu Lm4,268.13. Ghalhekk il-Qorti ser tahdem fuq paga ta' Lm5,000 li ghandha tiehu hsieb ghaz-zidiet li l-attur kien jiehu.

Bhala *lump sum payment* il-Qorti ser taghti riduzzjoni ta' 15%.

**Lm5,000 x 40 - 5 % Disability - less 15% - less ¼ tort = Lm6,375**

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi

Tiddikjara illi l-kjamat fil-kawza Marina San Gorg Limited u lill-attur responsabbli ghall-korriment li sofra l-attur u ghad-danni konsegwenzjali; kwantu ghal tlett kwarti tort tal-kjamati fil-kawza Marina San Gorg u kwart ghall-attur.

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' sitt elef tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm**6,375);**

Tikkundanna lill-kjamati fil-kawza  Marina San Gorg Ltd ihallsu lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez skond ir-rispettivi rebh u telf;

Bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data ta' l effettiv pagament.

Il-konvenuti l-ohra qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju spejjez ghalihom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------